

31978R2415

18.10.1978

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 292/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2415/78

tas-17 ta' Ottubru 1978

dwar l-għatba statistika tal-kummerċ barrani tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1736/75 ta' l-24 ta' Ġunju 1975 dwar l-istatistika tal-kummerċ barrani tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri (¹), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2845/77 (²), u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 41 tiegħu,

Billi, ġaladbarba issa daħal fis-seħħ ir-Regolament (KEE) Nru 2845/77 tad-19 ta' Diċembru 1977 u ffissa l-għatba statistika ġdid għal 300 Unità Ewropea tal-Kontijiet (EUA), din ta' l-aħħar għandha tiġi maqluba fil-muniti korrenti nazzjonali;

Billi r-rata tal-kambju għal kull waħda mill-muniti korrenti fejn jidħol l-EUA tvarja minn jum għal jum; billi sabiex jiġi stabbilit il-valur ta' l-għatba statistika tinhieg l-applikazzjoni ta' rata fissa tal-kambju; billi din ir-rata ta' l-aħħar tista' tkun imsejsa fuq ir-rati medji tal-kambju matul il-perjodu taż-żmien minn Jannar sa' Diċembru 1977;

Billi fl-interess tas-simplifikazzjoni l-ammonti hekk miksuba għandu jitneħħielhom ix-xtur;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Ottubru 1978.2000.

Għall-Kummissjoni

François-Xavier ORTOLI

Viċċi-President

(¹) ĠU L 183, ta' l-14.7.1975, pg. 3.

(²) ĠU C 329, tat-22.12.1977, pg. 3

Billi l-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Istatistika tal-Kummerċ Barrani,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għatba statistika, fit-tifsira ta' l-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 1736/75, espressa fil-muniti korrenti nazzjonali, ma għandhiex taqbeż:

Economic Union for the Belguim -

Lussemburgo	Bfrs/Lfrs	12 500
For Denmark	Dkr	2 000
For France	FRF	1 700
For Germany	DEM	800
For Ireland	£	200
For Italy	Lit	300 000
For The Netherlands	Fl	850
For The United Kingdom	£	200

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.